MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 660/1977/1

**Emanuele Borg bhala uniku proprjetarju tad-ditta "Modern Bathrooms"**

**Vs**

**John Falzon**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur *nomine* premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi l-konvenut kien xtara minghand listanti diversi oggetti ta' kamra tal-banju ta' l-ammont Lm602.83,0;

Premess illi l-konvenut ghad fadallu jhallas bilanc ta' Lm169.40,9 oltre l-imghaxijiet stipulati mid-data tal-konsenja;

Talab ghalhekk l-attur *nomine* lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma Lm169.40,9 fuq imsemmija bilanc ta' somma akbar prezz ta' oggetti lilu mibjugha u konsenjati;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tad-19 ta' April 1977, u bl-imghaxijiet kif stipulati fl-istess;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-istess attur *nomine*, il-lista tax-xhieda minnu indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut illi permezz taghha huwa eccepixxa:-

Illi hu ma hallasx l-ammont kollu dovut lill-attur (ghalkemm il-bilanc li fadal hu inqas mis-somma mitluba) billi l-materjal kien difettuz u x-xoghol ma sarx skond is-sengha. Infatti l-eccipjent kien baghat protest legalilill-attur f'dan is-sens;

Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-digriet tat-12 ta' Ottubru 1977 li permezz tieghu gie nominat il-Perit Joseph Huntingford bhala perit gudizzjarju sabiex jirrelata dwar it-talba attrici warali jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet sollevati u jaghmel kull osservazzjoni opportuna;

Rat ir-relazzjoni ta' l-istess perit gudizzjarju li tinsab a fol. 53 *et sequitur* tal-process li giet minnu debitament konfermata fl-udjenza tal-31 ta' Jannar 1983;

Rat id-digriet tal-5 ta' Ottubru 1983 li permezz tieghu gew nominati AIC Richard Aquilina, AIC Joseph Genovese u AIC Michael A. Refalo bhala periti addizzjonali;

Rat ir-relazzjoni ta' l-imsemmija periti addizzjonali li tinsab a fol. 67 *et sequitur* ta' l-ispoll, li giet minnhom debitament konfermata;

Rat in-noti pprezentati mill-abbli difensuri;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

Qabel kull analisi tal-meritu f'din il-kawza dina l-Qorti thossha fid-dover li tikkummenta li huwa ta' ghajb illi kawza tal-portata taghha kellha timpjega mill-introduzzjoni taghha sitta u ghoxrin (26) sena biex tigi rizoluta. Tabilhaqq, il-meritu taghha ma kienx jisthoqqlu dan id-dilungar u tant hela ta' hin, energija u spejjez;

Il-kawza titratta minn semplici rikjam ghal hlas ta' somma bilancjali ta' mija u disgha u sittin lira, erbghin centezmu u disgha millezmi (Lm169.40,9), bejgh ta' provvista ta' oggetti ghal kamra tal-banju tal-konvenut, li oppona ruhu bid-difiza li l-materjal konsenjat hu difettuz u x-xoghol ta' tqeghid ma sarx skond is-sengha;

Hu fundamentali qabel xejn illi jigi puntwalizzat illi r-relazzjoni guridika bejn il-kontendenti kienet tohrog mil-kuntratt ta' kompro-vendita konkjuz bejniethom;

Dan ifisser li d-ditta attrici venditrici kellha, oltre l-obbligu tal-konsenja, l-obbligu wkoll li tiggarantixxi l-bonta` ta' l-

oggett mibjugh (Artikolu 1378 tal-Kodici Civili). Jekk jirrizulta li l-oggett ma jkunx hekk tajjeb, jew merkantibbli, jew konformi ghal konvenzjoni, ix-xerrej ghandu ghad-disposizzjoni tieghu mil-ligi diversi rimedji. Ewlenin fost dawn, l-azzjoni redibitorja, li xerrej jista' jipproponi biss in via ta' azzjoni, jew in-nuqqas tal-kwalita` pattwita tal-haga, li hu jista' jissolleva anke permezz ta' eccezzjoni. Jekk imbaghad jirrizulta li l-oggett ma jkunx konformi ghal ftehim hu ghandu d-dritt jitlob ir-rizoluzzjoni tal-kuntratt fuq il-bazi tan-non-adempjenza. (**Vol. XXXII P I p 163; Vol. XXVI P I p 189; "Direttur ta' l-Agrikoltura u Sajd -vs- Henry Attard et noe"**, Appell, 21 ta' April 1997). Dan id-dritt jikkompeti lix-xerrej "*se non perduto per fatto e volonta` propria od altro disposto di legge*" (**"Banchiere Giuseppe Scicluna -vs- Andrea Fenech"**, Prim' Awla, 10 ta' Lulju 1888);

Issa filwaqt li l-ligi tippreciza l-obbligu fuq il-venditur tal-garanzija ta' l-oggett, ir-responsabilita` tieghu f'dan ir-rigward ma tipprexxindix mid-debita indagini u ricerka ta' htija billi din ma hi qatt prezunta izda jehtiegilha tigi pruvata;

Biex jaslu ghal din ir-ricerka f'dan il-kaz tqabbdu mhux anqas minn erba' periti teknici,dak originali fil-persuna tal-kompjant Arkitett Joseph Hintingford u dawk addizzjonali komposti mill-Periti Richard Aquilina, Joseph Genovese u Michael A. Refalo. Persuni altament kwalifikati u certament imparzjali u indipendenti f'xoghlhom;

L-esperti hekk nominati ezaminaw il-lanjanzi mressqa mill-konvenut u lkoll kemm huma qablu li ghandha titnaqqas somma zghira mill-ammont mitlub. Dan biex jaghmel tajjeb ghall-mankanzi zghar fix-xoghol tat-tqeghid. L-ewwel perit naqqas ghaxar liri (Lm10); dawk addizzjonnali, hmistax-il lira Maltija (Lm15). Dan wara li ghamlu l-analisijiet taghhom fir-rapporti rispettivi (fol. 53 u fol. 67 kif enumerat fl-ispoll);

Kwantu ghall-ewwel perit dan ikkostata illi:

(a) il-*hair cracks* fil-madum ma huwiex difett serju;

(b) il-konvenut ma ipprovax illi l-banju wasal imxellef;
(c) id-difett fit-tqeghid tal-madum ta' l-art ma huwiex serju u jista' jghaddi;

Wara li giet mahlufa din ir-relazzjoni l-konvenut talab ghal hatra ta' periti perizjuri. Insista wkoll, u fil-fatt gie koncess mill-Qorti li jipproduci provi ohra, kompriz dawk dokumentali. Dan skond verbal ta' din il-Qort, diversament presjeduta, tat-22 ta' Gunju 1984 (fol. 82). Fil-fatt il-konvenut xehed aktar minn darba quddiem il-periti addizzjonali biz-zieda tax-xhieda tal-mara tieghu, Anne Falzon. Jirrizulta wkoll li l-lista tal-lanjanza zdiedet minn kif mistqarr minnu lill-ewwel perit tekniku. Bejn iz-zewg accessi 10 ta' Jannar 1978 (fol. 55) u 23 ta' Gunju 1987 (fol. 90) kienu ghaddew kwazi ghaxar (10) snin;

Cionostante l-periti addizzjonali irrilevaw illi d-difetti li minnhom ilmenta l-konvenut kellhom jintwerew lilhom b'lenti ipprovvduta mill-istess konvenut. Ukoll ghal dawn il-periti, bhal ma hekk kienu ghall-ewwel perit, id-difetti tant kienu minimali li kienu accettabbli. In rijassunt fuq il-lanjanzi singolari gie hekk minnhom determinat:-

I. Id-difetti fil-madum kienu minimi;

II. Dwar il-*brackets* tal-friskatur tal-wicc dan ikun hekk provvdut mid-ditta li tipproduci l-fajjenza;

III. Dwar it-tixlifa fix-xifer tal-banju, il-konvenut messu ssolleva dan fil-mument tal-konsenja u ma accettax il-banju;

IV. Dwar il-*flushing* il-*flush pipe* tieghu seta' twahhal ahjar minn min qeghdu;

V. Jirrizulta li bejn madum u ohra ma giex imnaddaf sew;

Il-konvenut, rinfaccjat b'dawn ir-rizultanzi, rega' talab u gie koncess jipproduci dokumenti ohra (fol. 86 ta' l-ispoll), oltre nota ta' kritika, kif, s'intendi, kellu kull dritt jissottometti;

Evalwati l-provi u r-rapport peritali jistghu jsiru dawn l-osservazzjonijiet:-

I. Ghallanqas in kwantu jirrigwarda s-sett tal-banju l-konvenut li nnota t-tixlif tieghu mal-konsenja ma jidhirx li adopera xi wahda mill-ghazliet rimedjali f'dan ir-rigward, essenzjalment dik stabbilita fl-Artikolu 1390 tal-Kodici Civili dwar in-nuqqas tal-kwalita` pattwita ta' l-oggett. Ghalhekk jista' jinghad li hu tilef dan id-dritt bil-fatt tieghu stess (**Vol. XII pag. 1**);

II. Hu manifest illi d-difiza kollha tal-konvenut kienet tirrigwarda aspetti ta' natura teknika. U dawn jidhru li gew ben epurati mill-esperti nkarigati mill-Qorti biex jinvestigaw l-ilmenti tal-konvenut. Liema ilmenti rrizultaw verament *de minimis*;

Jidher evidenti illi l-konvenut hu bniedem puntiljuz li oltre l-*hair cracks* fil-madum ifittex dak li jghid il-Malti "ix-xaghra fl-ghagina". Issa huwa minnu illi l-Qorti wkoll, bhal periti teknici, jkollha thares b'lenti, din id-darba kritika, lejn l-opinjoni teknika lilha sottomessa, anke ghaliex kif jghid l-Artikolu 681 tal-Kapitolu 12, il-Qorti ma hijiex tenuta u marbuta li taccetta l-konkluzjonijiet tar-rapporti tal-periti kontra l-konvinzjoni taghha nfisha;

B'danakollu, kif enuncjat f'bosta decizjonijiet, il-Qorti ma tistax leggerment tiskarta dik l-opinjoni teknika. Dan ghar-raguni illi "il-konvinzjoni kuntrarja kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravement ipoggu fid-dubju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b'ragunijiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta' l-aspett tekniku tal-materja taht ezami" (**"Philip Grima -vs- Carmelo Mamo et noe"**, Appell, 29 ta' Mejju 1998; **"Anthony Cauchi -vs- Carmel sive Charles Mercieca"**, Appell, 6 ta' Ottubru 1999; **"John Saliba -vs- Joseph Farrugia"**, Appell, 28 ta' Jannar 2000 u **"Joseph Calleja noe -vs- John Mifsud"**, Appell, 19 ta' Novembru 2001);

Il-konvenut tabilhaqq jista' jhossu insodisfatt bil-konkluzjonijiet peritali u filwaqt li tammira l-persistenza u t-

tenacja tieghu, huwa ghandu jifhem li din il-Qorti ma tistax sempliciment toqghod fuq il-mera valutazzjoni u l-apprezzament soggettiv ta' xi parti fil-kawza. Lanqas tista' tistrieh fuq certifikati mhux mahlufa minn min irrilaxxjahom u prodotti *in extremis*. Invece in konformita mar-raguni u l-proprjeta` procedurali l-Qorti ghandha toqghod, sa fejn lilha konsentit, fuq il-prova konsegwita bir-relazzjoni teknika "meta l-konkluzjonijiet peritali fil-kumpless kollu taghhom ma jirrizultawx irragjonevoli." (**Vol. LI P I p 390**);

Dan ghax kif intqal, "f'cirkostanzi bhal dawn ikun pruzuntuz ghall-gudikant illi jiddipartixxi bla raguni verament valida mir-relazzjoni teknika." (**"Benjamin Camilleri noe -vs- Charles Debattista noe"**, Appell, 9 ta' Frar 2001). Konsegwentement il-Qorti ser tghaddi biex taddotta u taghmel taghha r-rakkomandazzjoni tal-periti addizzjonali. Dan ghaliex ukoll huwa principju maghruf li meta d-difetti ma jkunux sostanzjali l-venditur jew appaltatur, skond il-kaz, ma jistax jigi ritenut inadempjenti pero` hu obbligat li jirripara d-difetti jew <u>jaccetta riduzzjoni</u> (**"Angelo Busuttil -vs- Pio Fedele et**", Prim' Awla, Qorti Civili, 9 ta' April 1968).

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talba attrici billi tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur il-bilanc tal-prezz ta' l-oggetti lilu mibjugha u kkonsenjati izda dan limitatament fis-somma ta' mija u erbgha u hamsin lira Maltin, erbghin centezmu u disa' millezmi (Lm154.40,9). Dan oltre l-imghaxijiet kif mitlub.

L-ispejjez tal-kawza huma a karigu tal-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------